*Kitba ta'*
**Charles Galea Scannura**

# Il-Knisja ta' Santa Liena

Fid-djarju ta' Francesco Balbi dwar żmien l-Assedju l-Kbir hemm irrakkuntat li fid-29 ta' Ġunju 1565, aktar minn elf Malti kienu ntbagħtu bl-għodod biex iħottu d-djar ta' Bormla l-aktar li kienu il-Posta ta' Aragona biex ma jintużawx bħala kenn mit-Torok.

Isemmi li truppi Maltin irreżistew lit-Torok fl-inħawi ta' Santaren. Fil-fatt f'dawn l-inħawi kien hemm il-kappella u ġnien li kien waqqaf kavalleir Franċiż u l-isem, li nbidel f'Santa Liena, hu proprju marbut ma' dan il-kavallier.

Interessanti li meta l-istoriku Zabarella kiteb dwar żmien l-Assedju, isemmi fost affarijiet oħra li t-Torok kienu waqqfu barrikati fl-inħawi ta' Bormla u dawn jgħid li kienu l-Mandra, id-dwieli ta' Paolo Micciola u n-naħa ta' *Chiantereine* li tfisser l-istess Santaren(a).

## L-Isem Santarena

Kien il-Kavallier Fra Pietro de la Fontaine li kien ukoll il-Kommendatur ta' Chantereine li ħalla ismu marbut ma' dan il-post. Meta l-Isqof Gargallo żar il-knisja f'Mejju 1602 u ltaqa' ma' l-ewwel kappillan ta' Bormla, Dun Mikiel Cap., kien ġabar tagħrif dwar din il-kappella li ma rridux inħalltuha mal-knisja li kienet il-parroċċa.

Kienet iddedikata lil *Santa Maria de Nattivitate*. Ġie rreġistrat fir-rapport tal-Viżta Pastorali x'qal il-kappillan: *Io intendo che fu fabbricata da un cavaliere che era chiamato Santarena il quale era padrone di detto giardinotto quale al presente è della lingua di francia della Religione Hierosolomitana.*

## L-Ewwel Tagħrif

Il-knisja li kienet żgħira u li kellha artal wieħed bi kwadru tal-Madonna kienet tinsab fi ġnien li l-patrun tiegħu kien dan il-kavallier li kien magħruf bħala Santarena – l-isem Italjanizzat u addattat mill-isem Franċiż Chanteraine. Fi żmien l-Assedju kien f'idejn il-Pirjol tal-Knisja ta' l-Ordni u fl-1602 l-Isqof Gargallo nnota li kien diġà jinsab f'idejn il-Lingwa Franċiża. Kien innutat li fil-11 ta' Mejju 1557 permezz ta' att li sar għand in-Nutar Vincenzo Bonaventura de Bonetijs, il-Kavallier de la Fontaine ta lill-Infermerija, bil-permess tal-Kunsill mogħti fid-19 ta' Ottubru 1556, il-Ġnien *Ta' Catareijna* bil-poter li tinkludi fih il-bir ta' Bir Mula. Il-kavallier ħalla wkoll għalqa msejħa Tal-Blat, qrib il-ġnien, sabiex minnha titħallas iċ-ċelebrazzjoni ta' quddiesa kull nhar ta' Ħadd kif ukoll ta' l-ewwel vespri u quddiesa kantata fil-festa tat-Twelid tal-Madonna u oħra fil-festa





tat-Twelid ta' Ġesù. Sa l-1602 dan kien qed jitwettaq minn Dun Luizi Bonnici waqt li l-għalqa kienet f'idejn Duminku Seijchel. Din il-knisja żgħira kellha wkoll lampier u dan kien jinżamm mixgħul fil-Ħdud u l-festi tal-preċett.

## Tidħol Santa Liena

Interessanti li fil-Viżta Pastorali ta' l-1621 il-ġnien kien innotat bl-isem ta' Santa Liena (Santa Helena). Mill-Viżta Pastorali ta' l-istess Isqof Cagliares li saret fl-1627, insiru nafu li l-ġnien kien ġie f'idejn Stefano Scarpello, li fuq l-altar li kellu skannell u tarġa, kien tqiegħed kwadru (ikona) tat-Twelid ta' Kristu u li kien hemm ieħor żgħir ta' Santa Liena. L-art tal-knisja kienet miksija biċ-ċangaturi tal-ġebel. It-tieni parti tal-knisja kienet imħaffra fil-blat ċatt li l-bieb kien iħares lejn l-oċċident. Fl-1634 Scarpello kien għadu jżomm l-għalqa. Barra minn hekk fuq ix-xellug tal-bieb kien twaqqaf artal ġdid iddedikat lil Santa Liena li kien approvat mill-Ordinarju. Dan kien ġie mwaqqaf minn Dun Giovan Antonio Perdicomato li bejn l-1625 u l-1636 kien is-Segreto tal-Gran Mastru De Paule. Sa l-1637 Scarpello kien għadu jżomm il-ġnien wat li l-knisja hi rrapportata li kienet iddedikata lil Santa Liena u t-Twelid tal-Madonna. Il-kwadru tat-Twelid kien deskritt li kien kbir u qadim u kien jidher fih ukoll il-Missier Etern. Għalhekk f'dawn iż-żminijiet il-knisja saret magħrufa bħala ta' Santa Liena.



*L-Isqof Cagliares.*

## Skrizzjoni u Għidut

Minn mappa ta' l-1713 li tindika pjanta ta' pjan ta' arranġament ta' toroq ġodda fl-inħawi tal-fortifikazzjoni tas-swar ta' Santa Margerita, jidher li l-knisja kellha forma rettangulari bil-bieb iħares lejn l-oċċident. Il-parti ta' ġewwa fejn kien hemm l-altar, kien hemm arkata mħaffra fil-blat bi skrizzjoni bil-Latin – *Maria Virgo Genuit Salvatorem Saeculi* li fadal minnha xi ittri Rumani: ***P… Mater Virgo Genvi***. L-Istoriku G.A. Ciantar innota tagħrif dwar il-prospettiva tal-faċċata tagħha. Kienet forma trijangulari u kellha skrizzjoni bil-Grieg fil-forma trijangulari b'ċirku fin-nofs. L-iskrizzjoni ġiet imfissra hekk: *Lilek O Alla bħala Esseri Suprem veru Tjieba Sid Potenti fuq kull ħaġa maħluqa agħtina l-meħtieġ kollu, il-ħniena u l-ajjut fil-gwaj li fih ninsabu u mbagħad permezz tal-Qawma mill-mewt għall-ħajja immortali ħudna fil-glorja tiegħek.*

Jgħid ukoll li qrib il-knisja kien hemm ħofra li minnha setà jgħaddi raġel. Kienu jgħidu li kienet twassal sa Marsaxlokk. F'Marnisi kien hemm għar jgħidulha ta' Dalmau li jgħidu li kienet tagħqad magħha.

Fl-atti tan-Nutar Lorenzo Grima ta' l-14 ta' Awissu 1618 u tal-Kanċellerija ta' l-Ordni fit-18 ta' Frar 1634, hemm innotat x'sar lilha mil-Lingwa ta' Franza. Stefano Scarpello kien ingħata l-ġnien *ta' Chantereine* bi ftit spazju miegħu b'emfiteusi għal 29 sena u





b'ċens ta' 16-il skud fis-sena. Aktar tard kienet saret talba sabiex din il-konċessjoni tiġi estiża favur tiegħu u għalhekk il-Papa Urbanu VIII ħareġ brevi minn Santa Maria Maggiore bid-data tal-15 ta' Novembru 1634 biex dan ikun jista' jsir. Il-konċessjoni ngħatat ftit taż-żmien wara. Sadattant il-knisja baqgħet magħrufa bħala ta' Santa Liena tant li fil-Viżti ta' l-Isqof Balaguer hi msemmija hekk u jissemmew il-kwadri tat-twelid tal-Madonna bil-Missier Etern fuq u ieħor tat-Twelid ta' Ġesù kif ukoll l-artal ta' Santa Liena fuq ix-xellug tal-bieb.

Sadattant jidher li l-knisja ma baqgħetx tintuża wisq. Għalhekk kienet ġiet ipprofanata fl-1659 iżda mbagħad ġiet miftuħa mill-ġdid fl-1667. Iżda jidher li dan kien għal żmien qasir. Il-kwadru u ħwejjeġ oħra li kellha, kellhom jittieħdu fil-parroċċa. Jidher li bdiet tiġi aljenata tant li kien hemm nies li riedu jibnu qribha. Fl-1667 insibu li kien hemm għadd ta' nies mogħtija permess jieħdu xi spazju qribha biex jibnu xi kmamar jew dar. Insibu lil Giovan Maria Caruana li ried jibni għall-familja tiegħu, lill-armla Alonsica Bartholo li riedet tibni kamra qrib il-bieb ta' l-isqaq li kien jagħti għall-knisja u lil *Angelo de la vallone* li ried jibni wara l-knisja. Fir-rapport tal-Viżta ta' l-Isqof Astirias lanqas biss tissemma waqt li fl-1680 l-Isqof Molina jikkonferma li kienet ġiet ipprofanata. Ma tissemmiex f'iżjed rapporti ta' Viżti Pastorali wara din id-data.

## Min Kien il-Kavallier

Il-Kavallier Pietro de la Fontaine, Kommendatur ta' Chantereine (Santarena), li ħalla ismu marbut mal-knisja u l-inħawi tagħha, kellu karriera interessanti. Meta fl-1548 kien ġej Malta flimkien ma' xi kavallieri b'700 skud fuq ix-xini *Santa Caterina* li kienet telqet minn Marsilja mingħajr skorta, kien inqabad f'maltempata u meta qorob lejn Napli ġie maqbud mill-Kursar Dragut. Flimkien mal-kavallieri l-oħra ġie meħud ilsier fil-gżira ta' Girba u mbagħad kellu jixtri l-ħelsien. Fis-16 ta' Ottubru 1555 ġie mogħti l-Bajulivat ta' Langò. Ix-xogħol tiegħu reġa' ħadu Franza minn fejn wasal lura Malta fil-21 ta' Diċembru 1555 flimkien ma' ħafna kavallieri żgħażagħ meta l-Kavallier Lorenza kien il-Kaptan Ġenerali tax-Xwieni.

Fl-1557 kien wieħed mill-kandidati magħrufa għall-għażla ta' Gran Mastru li ġiet mirbuħa minn La Valette. Fl-20 ta' Mejju 1557 ġie mibgħut fuq missjoni f'Ruma flimkien mal-Kavallier Francesco della Motta biex, fost ħwejjeġ oħr,a jitratta fuq il-każ ta' Petro Fouroux li kien uża l-bandiera tal-Papa fuq ix-xini tiegħu. Fl-20 ta' Novembru 1557 kien ingħata l-inkarigu ta' missjoni oħra f'Ruma dwar ix-xini tal-Kaptan Moretto.

Bejn id-29 ta' Lulju 1560 u s-16 ta' Jannar 1561 kien laħaq Kaptar Ġenerali tax-Xwieni. Malajr kellu jħalli dan ix-xogħol għax il-Gran Mastru ried jagħmlu *Capitano di Succorso* bis-sede fi Franza. F'din il-kariga ngħata ġurisdizzjoni sħiħa fuq is-sitt prijorati ta' hemm u fl-Ingilterra fil-każ ta' attakk fuq Malta. Kellu l-inkarigu li jakkwista provvista għal Malta. Il-ġfien tiegħu telqu f'Jannar 1561 u qabel waslu Marsilja kien irnexxielhom jaqbdu żewġ galleotti. La Valette ried ukoll jinqeda bih f'tentattiv biex jibda relazzjonijiet diplomatiċi ma' l-Ingilterra. Fl-10 ta' Jannar 1561 kien ippropna li jibagħtu jressaq din il-proposta fl-Ingilterra, iżda l-pjan kien falla.

## Tintnesa

Biż-żmien kemm il-knisja kif ukoll dan il-kavallier donnhom kienu ntnesew iżda d-devozzjoni lejn Santa Liena kienet baqgħet. Il-knisja ta' Santa Liena saret meqjusa





bħala ċentru antik ta' din id-devozzjoni u sa tard fis-seklu sbatax insibu li f'Bormla kienu jitqassmu domni sbieħ ta' din il-qaddisa. Fl-1671 insibu lil Fra Desiderio della Nunciata OCD, sotto-pirjol ta' Terni, jikteb biex jakkwista domna sabiħa tal-qaddisa. Il-knisja ma tissemma qatt fir-rapporti tal-Viżti li saru wara l-1680, iżda tifkira tagħha baqgħet fl-isem mogħti lill-bieb prinċipali tas-swar ta' Santa Margerita, is-swar ta' Bormla, u l-inħawi ta' madwarha.


*Il-Mina ta' Santa Liena f'Bormla*

Arranġamenti li saru fit-triq li saret magħrufa bħala Triq il-Ġdida (illum Triq l-Inkurunazzjoni) wasslu biex il-knisja intradmet taħt il-bini. Kien riżultat tal-ħerba li saret fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija li l-fdal ta' din il-knisja reġa' nkixef. Wara li nbena bini ġdid, saru arranġamenti sabiex dan il-fdal ma jintilifx u wkoll kienet tqiegħdet skrizzjoni fuq il-bieb tagħha. Iżda waqt li xieraq li dan il-fdal jingħata kura bħala monument marbut maż-żminijiet bikrija ta' Bormla, wieħed irid jifhem li din qatt ma serviet bħala parroċċa.


# SUEZ CANAL BAR

ST. PAUL STREET, COSPICUA

# SIMPSON BOUTIQUE

Latest garments for:

**GENTS, LADIES & CHILDREN**

144, St Paul Street, Cospicua




